MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 2330/1999/1

**Carmelo Carabott (I.D. Nru. 693449 (M))**

**vs**

**Kontrollur tad-Dwana**

l-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat fuq indikat datat il-25 t'Ottubru, 1999, li permezz taghha r-rikorrenti sintetikament ippremetta s-segwenti:

1. Illi kien jahdem bhala bahhar mas-*Sea Malta Company Limited*;

2. Illi fil-5 ta' Settembru, 1999, kien xoghol fuq il-bastiment M.V. Zebbug, li dahal Malta ghall-habta tas-6.30a.m.;
3. Illi permezz ta' noti ta' qbid indikati fl-istess rikors promotur gew konfiskati skont il-ligi s-segwenti oggetti:

i. flixkun xorb spirituz;

ii. sigaretti;

iii. ghasafar u

iv. flus f'valuta Maltija u Taljana;

4. Illi sussegwentement ir-rikorrenti nterpella lill-Kontrollur intimat fejn talab li jiehu l-oggetti lura;

5. Illi r-rikorrenti jsostni li l-flus Maltin kien izommhom fuqu ghaliex ma kienx jafdhom id-dar peress li martu kienet thobb tilghab it-tombla u wliedu kienu jgibu hafna hbieb id-dar;

6. Illi rigward il-flus Taljani jsostni li kien ilu erba' snin ifaddal il-kontanti lilu legittimament moghtija mill-Kaptan kull xahar;

7. Illi rigward il-flixkun tax-xorb u sigaretti jsostni li kien izommhom fil-kabina peress li shabu kienu jingabru hemm;

8. Illi fuq l-oggetti l-ohra jirrizerva li jitratta fir-rigward tul is-smiegh tal-procedura odjerna;

Illi in vista tal-premess jitlob lil din il-qorti tordna lill-Kontrollur intimat biex:

1. Jirrilaxxja l-oggetti fuq riferiti u ndikati fin-noti de quo;

2. Tawtorizza lir-rikorrenti jirriprendi l-pussess tal-istess oggetti skont il-ligi;

Rat ir-risposta datata t-30 ta' Novembru, 1999, li permezz taghha sintetikament il-Kontrollur intimat irrisponda s-segwenti:

1. Illi l-qbid tal-oggetti in dizamina sar b'mod regolari u skont il-ligi stante li l-istess oggetti kienu ser jiddahhlu Malta bi ksur tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Illi l-ebda oggett minn dawk maqbuda ma kienu dikjarati mir-rikorrenti fil-lista appozita t'oggetti appartenenti lill-bahhara;

3. Illi r-ragunijiet moghtija mir-rikorrenti ma jiggustifikawx in-nuqqas tad-dikjarazzjoni taghhom fil-lista fuq riferita;

4. Illi di piu`, oltre l-imsemmija oggetti, l-istess rikorrenti nqabad jimporta llegalment kwantita` t'ghasafar;

5. Illi ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

Rat kwantita` ta' verbali li komplessivament jammontaw ghall-perjodu t'ghaxar (10) snin fejn f'din il-procedura sfortunatament ma sar xejn hlief differimenti inutili stante li kien hemm procedura ta' natura kriminali x'jittiehdu kontra r-rikorrenti;

Rat il-verbal tal-partijiet datat l-14 ta' Gunju, 2011, li permezz tieghu nfurmaw lill-qorti kif issa preseduta li l-provi mismugha minn din il-qorti diversament preseduta qed jittiehdu daqs li kieku gew prezentati quddiem din il-qorti kif preseduta;

Illi fir-rigward ghandu mmedjatament jigi sottolineat illi nonostante l-verbal indikat fil-paragrafu precedenti, ma jirrizultax li minn Ottubru tal-1999 sal-14 ta' Gunju, 2011, kien instema' xi xhieda fir-rigward u ghalhekk l-imsemmi verbal qed jittiehed biss bhala tentattiv mill-partijiet li jizgwidaw lill-qorti;

Rat il-verbal tal-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti datat il-5 ta' Lulju, 2011, li permezz tieghu, irrinunzja ghall-kawza ghal dak li ghandu x'jaqsam man-noti ta' qbid 1387/99 u 1388/99, filwaqt li jzomm ferm il-kawza rigwardanti n-nota ta' qbid indikata fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata l-1 ta' Frar, 2010;

Rat in-nota tal-Kontrollur intimat datata l-5 ta’ Lulju, 2011, li permezz taghha kkristallizza l-ammont ta’ flus minnu maqbuda f’elfejn u wiehed u erbghin Lira Maltin, (Lm2,041.00);

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata t-30 t’April, 2012, u n-nota responsiva tal-Kontrollur intimat datata l-1 ta’ Gunju tal-istess sena;

Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi minn analizi tas-suespost, il-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

1. Illi r-rikorrenti kien impjegat bhala bahhar mas-socjeta` Sea Malta Company Limited fuq il-vapur M.V. Zebbug;

2. Illi meta l-vapur de quo dahal Malta fil-5 ta’ Settembru, 1999, ir-rikorrenti gie nnotat mill-ufficcjali tad-Dwana johrog mid-*Deep Water Key* fejn mar *Timber Wharf* u heba xi haga li sussegwentement irrizulta li kienu tmien (8) *nets* bl-ghasafar tal-ghana;

3. Illi di piu`, minn tfittxija ulterjuri kondotta mill-imsemmija ufficcjali tad-Dwana, rrizulta li nstabu s-segwenti oggetti fil-pussess tar-rikorrenti:

i. Zewg (2) fliexken tal-litru Vodka;

ii. Flixkun tal-litru Campari;

iii. Flixkun tal-litru Whisky;

iv. Flixkun tal-litru Rum;

v. Zewg (2) kartuniet sigaretti ta’ marka partikolari u kartuna sigaretti ta’ marka ohra;

vi. Ammont ta’ flus f’Liri Maltin;

vii. Ammont ta’ flus f’Liri Taljani;

4. Illi ghandu mill-ewwel jigi osservat f’dan l-istadju li l-ammonti hawn deskritti, (riprodotti mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati pre-citata), huma totalment differenti minn dawk indikati mir-rikorrenti fir-rikors guramentat promotur tieghu, (ara fol 1 u fol 174 et sequitur);

5. Illi ghalkemm ir-rikorrenti u l-kaptan tieghu jiggustifikaw il-pussess ta’ tali oggetti fuq il-bazi t’utilita` necessarja ghall-uzu fuq il-bastiment de quo, pero` ghandu jinghad li dan ma jiggustifikax il-ksur tal-ligi tad-Dwana u tal-Kontroll tal-Kambju vigenti fil-perjodu in dizamina;

6. Illi di piu`, l-istess oggetti ma jirrizultax li kienu ghall-uzu esklussiv fuq il-vapur de quo, izda kienu ser jidahhlu Malta bi ksur lampanti tal-ligijiet de quo, u fl-istess hin meta l-istess rikorrenti kien qed jikkuntrabanda ammont sostanzjali t’ghasafar;

7. Illi s-sostent tal-kaptan mhux biss hu llegali izda perokkupanti stante li fuq vapur, hu l-Kaptan li jirrapprezenta l-ordni istituzzjonali, u kemm –il darba bhal ma rrizulta fil-kaz odjern, dan ikun laxk fid-dmirijiet tieghu, iwassal ghal dizgwid inutili fejn min ikun involut malajr jigi zgwidat;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess din il-qorti mhix sodisfatta li r-rikorrenti pprova t-talbiet tieghu skont il-ligi u konsegwentement, filwaqt li takkolji r-risposti tal-Kontrollur intimat, tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti fuq indikat;

Illi di piu`, in vista li fl-atti odjerni jirrizulta li l-kwantitattivi ndikati bil-gurament tieghu fir-rikors promotur, ir-rikorrenti jirrizulta li qed jiehu gurament falz meta l-istess jigi pparagunat mal-kwantitattivi ndikati fis-sentenza tal-Qrati tal-Magistrati, tordna li l-atti jintbaghtu lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jinvestiga hemmx ragunijiet bizzejjed biex jittiehdu proceduri kriminali kontra r-rikorrenti Carmelo Carabott ghall-gurament falz.

_____________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------